**Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council**
73, Triq Sana Maria, Ħal Tarxien. TXN 1704
Tel: 21666688, 21666777
Email: tarxien.lc@gov.mt
Web: www.tarxienlc.com

Minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' ghas-sena 2019, li nzammet Dar Nazzareth, Triq il-Palma, Ħal Tarxien, nhar il-Gimgha 4 ta' Dicembru 2020, fis-7:00 am.

**Prezenti :**

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**Skuzat :**

Thomas Debattista – Kunsillier

**Assenti:**

Ismael Dalli - Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Emma Vella – Segretarju Ezekuttiv

| | | |
|---|---|---|
| **01** | **Qari tal-minuti tal-ahhar laqgha** |
| **01/01** | Is-Sindku qara l-minuti ta' l-ahhar laqgha hekk kif mitlub fl-Att dwar il-Gvern Lokali (KAP 363) Artiklu 70, u ta' spjegazzjoni ghalfejn isiru dawn il-laqghat flimkien mar-residenti, filwaqt li kompla biex ta' ringrazjament lil kull min attenda. |
| **02** | **Prezentazzjoni tal-estimi finanzjarji għall-2021** |
| 02/01 | Is-Sindku prezenta l-Estimi Finazjarji tal-Kunsill Lokali lill- pubbliku prezenti u spjega l-hidma proposta mill-Kunsill Lokali ghas-sena 2020. |
| **03** | **Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-pubbliku** |
| 03/01 | Resident staqsa jekk hux possibli li jinholoq centru ghan-nies b'dizzabilta u ghall-anzjani?<br><br>Is-Sindku spjega li l-Kunsill se jkun qed iwassal dan is-suggeriment ghand l-awtorita koncernata u jaghmel l-ghalmu tieghu sabiex dan is-suggeriment ikun possibli. |
| 03/02 | Resident staqsa jekk hux se jsir id-dawl ta maz-zebra crossing fi Triq il-Palma?<br><br>Is-Sindku nforma l-pubbliku prezenti li l-ewwel se titranga t-Triq u wara se jigi nstallat id-dawl. |
| 03/03 | Resident isuggerixxa li jekk isir madum gdid fil-Pjazza dan ma' jkunx jizloq.<br><br>Is-Sindku accerta lir-residenti li l-madum li se jinxtara se jkun adekwat. |
| 03/04 | Resident staqsa ghal spjegazzjoni fuq il-progett tat-Toroq li qed isir mill-Enemalta.<br><br>Is-Sindku spjega li dan il-progett kellu jigi mplimentat sabiex isiru *cables* godda u tissahhah is-sistema tal-provvista tal-elettriku fil-lokalita'. Is-Sindku informa lill-pubbliku prezenti li l-Kunsill ippropona li t-Toroq isiru kompluti u mhux jinghalqu bl-*asphalt* biss. |

03/05 Resident staqsa jekk hux possibli li tigi nstallata ATM fil-lokalita'.

Is-Sindku nforma lill-dawk prezenti li l-Kunsill qed jahdem fuq din l-inizjattiva.

03/06 Resident informa lill-Kunsill li parti minn Triq Birzebbuga qed izzomm hafna ilma u spjega li hemm *shelter* f' din l-akwata.

Is-Sindku nforma lir-residenti li se jmur fuq il-post u jara minn fejn gejja l-problema.

Il-laqgha spiccat fit- 8.00pm.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Ezekuttiv